**12 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Loreto Żerafa

*versus*

Dottor Carmelo Zammit ne.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Amministrazzjoni — Mara — Interdizzjoni — Kuratur — Beni Parafernali.**

*Malli l-mara tiżżewweġ, il-frutti tal-beni tagħha jibdew jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, jekk iż-żwieġ ma jkunx sar b'xi mod li jeskludi din il-komunjoni; u għalhekk l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara tgħaddi f'idejn ir-raġel.*

*Jekk il-mara kienet interdetta meta żżewġet, u kellha kuratur, b'dan kollu l-effetti legali tal-komunjoni tal-akkwisti ma jiġux modifikati, u ma hemm xejn fil-liġi li f'każ simili r-raġel għal xejn b'xejn ma għandux jamministra l-beni ta' martu. B'hekk ma tkunx qegħda tiġi attakkata l-interdizzjoni tal-mara u n-nomina tal-kuratur; għaliex b'daqshekk il-kuratur jibqa' kuratur, u tispiċċalu biss l-amministrazzjoni tal-beni tal-mara, sempliċement għaliex ir-renti tal-beni tagħha ma għadhomx tagħha, imma saru jappartjenu biss lir-raġel bħala żewġha u kap tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*B'daqshekk jibqgħu wkoll iseħħu r-rimedji li l-liġi tagħti lil-mara għall-każ li żewġha jabbuża minn dan il-poter tiegħu fl-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina numru 1145/55 ġiet interdetta Francesca Mifsud, u ġie nominat kuratur tagħha l-konvenut Dottor Carmelo Zammit; illi huwa żżewweġ lill-imsemmija Francesca Mifsud fit-12 ta' April 1955 (dok. A); illi wara dan iż-żwieġ huwa talab lill-konvenut l-amministrazzjoni tal-beni ta' martu, u għamel anki talba quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, liema talba, però, ġiet miċħuda b'digriet numru 244/58 (dok. B); u illi l-frutti tal-beni ta' martu jidħlu fil-komun-

joni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu, u l-amministrazzjoni tal-beni parafernali ta' martu tispetta lilu, skond il-liġi viġenti; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, u prevja r-revoka tal-imsemmi digriet 244/58 mogħti fil-5 ta' Marzu 1958 mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina (relattivament għall-ewwel talba kontenuta fir-rikors), jiġi deċiż u dikjarat illi r-renti tal-beni ta' martu jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u martu, u illi l-amministrazzjoni tal-beni ta' martu tispetta lilu; u konsegwentement il-konvenut nomine jiġi inibit milli jamministra aktar il-beni ta' martu, biex huwa jkun jista' jamministra l-istess beni. Salv kull dritt ieħor tiegħu. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'rikors quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 1958 l-attur, wara li espona li martu Francesca, imwielda Mifsud, tinsab interdetta skond digriet numru 1145 tal-1955 mogħti mill-istess Qorti; u li dik l-interdizzjoni saret meta martu kienet għada xebba, u bħala kuratur tagħha ġie nominat il-konvenut; u illi, peress li l-frutti tal-beni ta' martu jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, u l-amministrazzjoni tal-beni parafernali hi f'idejh, għat-termini tal-art. 1365(b) u 1375 tal-Kodiċi Ċivili, huwa kien kiteb lill-kuratur sabiex ma jindaħalx aktar f'din l-amministrazzjoni; u illi l-kuratur, fuq din l-ittra, kien talab provvediment b'rikors preżentat fid-29 ta' April 1957), però l-imsemmija Qorti ordnat lill-kuratur biex qabel xejn jirrendi l-kontijiet — ħaġa li huwa għamel, iżda l-kontijiet għadhom qegħdin jiġu eżaminati mill-perit reviżur; u illi huwa qiegħed isofri danni minn dan l-istat ta' fatt, peress li mir-renti ta' martu ma hu jdaħħal xejn u sadattant huwa tilef l-"allowance" li kellu mis-Social Service in vista tar-renti potenzjali ta' martu; barra minn dan, aktar ma jdum il-kuratur preżenti aktar ikun hemm spejjeż ġudizzjarji, u għalhekk iħoss li jkun opportun ukoll li huwa jiġi nominat kuratur ta' martu; u li huwa jixtieq li din il-kwistjoni tiġi eliminata mingħajr il-bżonn li jirrikorri fil-Qorti Kontenzjuża; talab li l-Qorti msemmija tagħti direttivi lill-kuratur

Dottor Carmelo Zammit sabiex huwa jkun jista' jinkassa direttament ir-renti tal-beni ta' martu u jamministra liberament l-istess beni, u li tissostitwixxi bih lill-kuratur preżenti Dottor Carmelo Zammit; salvi d-drittijiet u pendenzi mill-kontijiet tal-amministrazzjoni. Is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'digriet tal-5 ta' Marzu 1958, ċaħdet it-talbiet tal-attur, għal motivi li l-interdizzjoni ta' mart l-attur minħabba demenza, u n-nomina ta' kuratur mill-Qorti minn qabel iż-żwieġ mal-attur, jimmodifikaw l-effetti legali tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza tat-30 ta' April 1889 fil-kawża fl-ismijiet "Giovanni Mangion et. vs. Annetto Chircop". (Vol. XII p. 218 et seq.); u fl-interess tal-interdetta mhijiex konsiljabbli s-sostituzzjoni tal-kuratur kif mitluba fir-rikors, almenu għal issa;

Illi b'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ir-revoka tal-imsemmi digriet tal-5 ta' Marzu 1958, mogħti mis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, limitatament però għall-ewwel talba kontenuta fl-imsemmi rikors tiegħu, ċjoè qiegħed jitlob illi, peress li r-renti tal-beni ta' martu jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu, u lilu tispetta wkoll l-amministrazzjoni tal-beni ta' martu, il-konvenut jiġi inibit li jamministra ulterjorment l-istess beni, biex ikun jista' jamministrahom huwa. L-attur mhux qiegħed jitlob is-sostituzzjoni tiegħu bħala kuratur ta' martu;

Illi, skond il-liġi, minn meta Francesca Mifsud iżżewġet lill-attur, il-frutti tal-beni tagħha bdew jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, billi ma jirriżultax li meta sar dak iż-żwieġ ġie effettwat bejniethom xi ftehim xort'oħra b'att publiku, jew li saret xi skritta nużjali bejn l-għarajjes li biha saru xi kondizzjonijiet li varjaw ir-regoli ta' dik il-komunjoni. Hu wkoll skond il-liġi li, minn meta żżewweġ lil Francesca Mifsud, lill-attur bdiet tmiss l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha. Għalhekk ma hemmx ebda motiv legali li għalieh it-talba tal-attur ma għandhiex tiġi milqugħa;

Illi l-konvenut jeċċepixxi li fil-każ preżenti l-effetti legali tal-komunjoni tal-akkwisti ma humiex applikabbli, għaliex iċ-ċirkustanza tal-interdizzjoni ta' mart l-attur minħabba demenza, u l-oħra tan-nomina ta' kuratur mill-Qorti

minn qabel ma Francesca Mifsud iżżewġet lill-attur, jimmodifikaw l-effetti legali tal-komunjoni tal-akkwisti; imma ma hemm xejn fil-liġi li meta jiġru ċirkustanzi bħal dawn l-effetti legali tal-komunjoni tal-akkwisti ma jibqgħux aktar applikabbli, jew għandhom jiġu modifikati, ċjoè li f'każi simili, ir-raġel għal xejn b'xejn ma għandux jamministra l-beni ta' martu u hekk jitlef id-drittijiet kollha li tagħtieh il-liġi. Il-konvenut jissottometti li l-oppożizzjoni tiegħu għat-talba tal-attur kienet u għadha motivata biss mill-obbligu li huwa għandu bħala kuratur ta' mart l-attur; imma, kif tajjeb jirrileva l-attur, din l-azzjoni minnu ntentata bl-ebda mod ma qiegħed biha jattakka l-interdizzjoni ta' martu jew in-nomina tal-konvenut bħala kuratur tagħha, u kwindi l-istess azzjoni bl-ebda mod ma hi inkonċiljabbli mal-interdizzjoni u l-kurazija msemmijin; kull att tal-ħajja ċivili li tista' tagħmel martu għandu jibqa' jsir mill-konvenut bħala kuratur tagħha, u lilu tispiċċa biss l-amministrazzjoni tal-beni tagħha; mhux bħala diminuzzjoni mill-kariga ta' kuratur, imma biss u sempliċement għaliex. skond il-liġi, ir-renti ma jappartjenux aktar u b'ebda mod lill-mart l-attur, imma jappartjenu biss lilu bħala żewġha u kap tal-komunjoni tal-akkwisti;

Il-konvenut jissottometti wkoll li d-dispożizzjonijiet regolanti l-istitut ta' din il-komunjoni f'ċirkustanzi speċjali, ċjoè meta l-interess tal-mara miżżewġa jkun hekk jirrikjedi, għandhom ikunu suxxettibbli għal xi temperament jew modifikazzjoni, imma l-konvenut ma jsemmi ebda waħda li minn dawn iċ-ċirkustanzi tirrikorri fil-każ taħt konsiderazzjoni, ħlief forsi, kif huwa merament jallega, li l-attur għandu l-età ta' 65 sena, hu illetterat u inkapaċi li jagħmel sempliċi riċevuta tal-kera; ċirkustanzi dawn, però, anki jekk kollox hu kif jgħid il-konvenut, li mhumiex tali li minħabba fihom l-attur għandu jitlef id-drittijiet li tagħtieh l-istess liġi;

Il-konvenut ikompli jissottometti li, għalkemm fir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti r-raġel jista' jiddisponi mill-proprjetà tal-beni li jaqgħu f'dik il-komunjoni, il-liġi tagħti lill-mara ċerti rimedji meta l-konvenut ma ġieb ebda prova li l-attur qiegħed jew hu bil-ħsieb li jabbuża mill-imsem-

mijin poteri a dannu ta' martu. Del resto, ladarba l-konvenut ser jibqa' kuratur ta' mart l-attur, dan ma tantx ikun, anzi ma jkunx, f'pożizzjoni li jista' jabbuża minn dawk il-poteri; għaliex ma jkunx jista' joltrepassa l-limiti tal-amministrazzjoni. Jekk, mbgħad, l-attur jasal biex jagħmel xi abbuż simili, ikun allura l-każ li l-Qorti kompetenti, a domanda ta' kwalunkwe persuna, fosthom ċertament dawk li jsemmi l-konvenut, ċjoè ħut mart l-attur, li tagħti dawk il-provvedimenti meħtieġa biex tissalvagwarda l-interessi u l-beni ta' martu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevja revoka tad-digriet numru 244 mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, fil-5 ta' Marzu 1958, limitatament però għall-ewwel talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi tal-attur tal-14 ta' Jannar ta' l-istess sena, tiddeċidi għat-tenur tad-dikjarazzjonijiet mitluba mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni; u konsegwentement tinibixxi lill-konvenut milli jamministra aktar il-beni ta' mart l-attur. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut nomine.